

31989L0384

L 181/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.6.1989

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ġunju 1989

**li tistabbilixxi l-proċeduri dettaljati għat-tweqqif ta' spezzjonijiet biex jiżguraw li jiġi mħares l-punt meta jiffriża il-ħalib mhux trattat stipulat fl-Anness A tad-Direttiva 85/397/KEE**

(89/384/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra id-Direttiva tal-Kunsill 85/397/KEE tal-5 ta' Awissu 1985 dwar is-saħħa u problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw kummerċ intra-komunitarju f'ħalib trattat bis-sħana <sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 11(6) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi Kapitolu VI, punt D tal-Anness A tad-Direttiva 85/397/KEE jindika li l-*standards* li jridu jiġu mħarsa meta ħalib mhux trattat jidħol fl-istabbiliment tat-trattament jew fiċ-ċentru tal-ġbir jew standardizzazzjoni;

Billi, sabiex jitħallew differenzi fil-ġbir, dispożizzjonijiet għandhom isiru dwar meta l-ispezzjoni dwar il-punt ta' meta jiffriża tista' titwettaq sabiex jiġi żgurat li dan ir-reqwiżit jiġi applikat uniformament,

ADOPTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet provduti fil-Kapitolu VI, punt D tal-Anness A tad-Direttiva 85/397/KEE, dwar il-punt li fih jiffriża il-ħalib mhux trattat huma mwettqa skond il-proċeduri dettaljati li ġejjin:

1. il-ħalib mhux trattat ta' kull impriża irid jiġi spezzjonat regolament bit-teħid ta' kampjuni kif ġie.

Fejn il-ħalib ta' impriża waħda huwa mwassal direttament lill-stabbiliment tat-trattament, dawn il-kampjuni iridu jittieħdu meta l-ħalib ikun miġbur mill-impriża bil-prekawzzjonijiet meħuda madankollu li jiġi pprevjenut kull frodi matul it-trasport jew qabel il-ħatt fl-istabbiliment tat-trattament jew meta l-ħalib jiġi mwassal hemm direttament mill-bidwi.

Jekk ir-riżultati ta' spezzjoni jwasslu l-awtorità kompetenti biex tissuspetta li ġie miżjud l-ilma, għandha tieħu kampjun awtentiku fl-impriża. Kampjun awtentiku huwa kampjun li jirrapreżenta l-ħalib ta' għodwa jew lejla waħda kompletament sorveljata li tibda mhux anqas minn ħdax il-siegħa jew aktar minn tlettax il-siegħa wara l-ħlib li sar qabel.

Meta l-ħalib huwa mwassal minn impriżi diversi, kampjuni jistgħu jittieħdu biss meta l-ħalib mhux trattat jidħol fl-istabbiliment tat-trattament jew ċentru tal-ġbir jew standardizzazzjoni iżda bi spezzjonijiet fuq il-post mwettqa fl-impriżi.

Jekk ir-riżultati fi spezzjoni juru li l-*istandard* stipulat fil-Kapitolu VI, punt D tal-Anness A lid- Direttiva 85/397/KEE ġie eċċedut, kampjuni għandhom jittieħdu f' kull impriża li ħadet sehem fil-ġbir tal-ħalib mhux trattat in kwistjoni.

Jekk neċessarju, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kampjuni awtentiċi fit-tifsira tat-tielet subparagrafu tal-punt 1;

2. jekk ir-riżultati tal-ispezzjoni juru li mhux minnu s-suspett li l-ilma ġie miżjud, il-ħalib mhux trattat jista jintuża sabiex jiġi prodott ħalib trattat bis-sħana.

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1990.

## Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Ġunju 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ROMERO HERRERA

<sup>(1)</sup> ĠU L 226, ta' l-24.8.1985, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.